**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 15 ta' Frar 2002**

**Numru** 15
**Citaz. Nru.** 2243/96 FDP

**Joseph u Georgina konjugi Falzon**

**Vs**

**Joseph u Angela konjugi Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-28 ta' Gunju 1996 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fl-ammont ta' tmint elef mitejn u tlieta u disghin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm8,293.97) bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija konsistenti f'sigaretti, liema somma tikkomprendi fiha t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Illi l-konvenuti mitluba jhallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti ghal kull talba ta' l-atturi u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba tal-hlas ta' l-atturi u ghalhekk jezitu l-kweziti ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili ta' Malta (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmint elef mitejn u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm8,293.97) kif fuq imsemmi;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju, 1996 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Falzon, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tad-9 ta' Lulju 1986 fejn gie eccepit:-

> Illi fl-ewwel lok parti mill-ammont mitlub huwa preskritt ai ermini ta' l-artiklu 2148(b) tal-Kodici Civili;
>
> Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa eccessiv fis-sens li l-konvenuti kienu diga` hallsu xi parti mill-ammont u hemm ammonti ohra li ma humiex dovuti kif ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Galea u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ezaminat ir-rapport ta' l-espert legali Dr. Marse-Anne Farrugia u n-nota ta' kritika relattiva ta' l-atturi. Il-konvenuti baqghu ma pprezentawx in-nota responsiva taghhom minkejja diversi differimenti ghal dan l-iskop.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza saret ghall-hlas ta' **Lm8293.97**, (li fil-mori tal-kawza dan l-ammont gie ridott) bilanc minn somma akbar allegatament dovuta ghall-bejgh u konsenja ta' sigaretti. Gew esebiti sensiela ta' invoices da parti tal-kontendenti u l-espert legali spjegat li fil-25 ta' Mejju 1999 gie verbalizzat li l-partijiet jaqblu li l-unici invoices li ghadhom kontestati huma dawk esebiti mill-konvenut u immarkati Dok. JG7, JG8 u JG2 a fol 51, 65, u 57, (li wkoll gew esebiti mill-attur bhala Dok JF4A, JF4 u JF14 rispettivament) b'dan pero` li l-konvenut izomm ferma l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni, kemm fuq dawn l-invoices kif ukoll fuq dawk mhux ikkontestati.

<u>Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>:-

Il-kawza infethet fit-28 ta' Gunju 1996. L-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 1996 imsemmija fic-citazzjoni ma gietx esebita. Il-konvenuti bbazaw l-eccezzjoni taghhom fuq artiklu 2148(b) tal-Kodici Civili li jistipula li azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mibjugha bl-imnut jaqghu bi preskrizzjoni ta' 18-il xahar. Jirrizulta mill-provi, partikolarment mid-dikjarazzjoni tal-konvenut, illi l-istess konvenut jixtri l-merkanzija minn ghandu, specjalment sigarretti, biex jerga' ibieghhom fil-hanut tieghu, ghalhekk kif tajjeb osservat l-espert legali jidher li l-attur kien ibieghlu bl-ingrossa u mhux bl-imnut. L-espert legali tirreferi wkoll ghall-affidavit ta' l-attur fejn jghid li huwa *wholesaler* tas-sigarretti u tosserva ukoll li mill-invoices in

kwistjoni jidher li s-sigarretti kienu jinxtraw bil-grossa, u mhux grossa wahda izda bejn 5 u 25 grossa. Ghalhekk l-artiklu li fuqhom qed jibbazaw l-azzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenuti mhux applikabbli. L-espert legali irrilevat li anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument wiehed jikkonsidra l-preskrizzjoni propjament applikabbli, u cioe` dik ta' hames snin a tenur ta' artiklu 2156(f), din ma tapplikax ghall-kaz in kwistjoni peress li l-invoices huma tas-snin 1993, 1994 u 1995, filwaqt li c-citazzjoni giet ipprezentata fl-1996. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhix fondata.

Dwar il-mertu:-

Illi fil-mori tal-kawza l-ammont mitlub fic-citazzjoni gie ridott darbtejn: ghal Lm5925.24, imbaghad ghal Lm5452.52, u dan peress li rrizulta li kien hemm numru ta' invoices li effettivament kienu thallsu (Dok. JF12, JF13, JF15, JF18, u invoice no. 16644, li kopja taghha ma gietx esebita) filwaqt li l-attur kien qabel li hemm zbalji ta' kalkolu f'xi invoices fl-ammont kumplessiv ta' Lm262.89 li allura gew imnaqqsa;

Illi l-espert legali spjegat li t-total ta' invoices mhux ikkontestati jammonta ghal Lm5997.581. Pero` minn dawn wiehed irid inaqqas l-ammont ta' Lm1900 (Dok JF2 u JF3) li thallas mill-konvenut qabel ma giet intavolata l-kawza kif ukoll zball ta' kalkolu fl-ammont ta' Lm6.90 (re: invoice JF19) ammess mill-attur u li gie rifless fin-nota ta' riduzzjoni relattiva, u

ghalhekk wiehed jasal ghall-figura ta' Lm4090.68,1.

Dwar it-tlett invoices li baqghu ikkontestati:-

Dok JG2 (invoice fl-ammont ta' Lm703): Il-konvenut jinsisti li l-invoice thallset ghaliex hemm il-firma ta' l-attur fuq in-naha ta' fuq kif ukoll fuq in-naha t'isfel. L-espert legali spjegat li fuq din l-invoice il-konvenut iffirma darbtejn: darba taht l-ammont dovut u darba taht il-kliem "not paid". Barra minn hekk, fuq in-naha ta' taht ta' l-invoice hemm ingassata l-kelma "paid" u data tahtha. L-espert legali ssottomettiet li aktarx li gara hu li f'xi okkazjoni l-attur haseb li l-invoice kienet thallset u ghalhekk kiteb il-kelma "paid" u data tahtha, pero` meta l-partijiet irrealizzaw li l-invoice effettivament ma kinitx thallset inkitbu l-kliem "not paid" u l-konvenut iffirma tahthom. Ghalhekk aktarx huwa l-kaz li din l-invoice ma thallsitx;

Dok JG7 (invoice fl-ammont ta' Lm241.55) u Dok JG8 (invoice fl-ammont ta' Lm673.27,6): Fuq dawn l-invoices il-konvenut gharaf il-firem tieghu u ta' martu izda allega li l-attur kien qed igieghlu jiffirma fuq kopja ta' invoice u li taht kien hemm il-carbon paper bir-rizultat li l-firma tieghu kienet tirrizulta fuq l-invoice ta' taht li tkun vojta. L-attur, pero`, f'seduta quddiem l-espert legali wera z-zewg kotba minn fejn kienu hargu l-invoices in kwistjoni u ma kinux jidhru firem originali tal-konvenut jew ta' martu. Ghalkemm fuq il-carbon copy ta' l-

invoice JG7 il-kliem "Galea Marsa" jidhru li regghu inkitbu fuq il-carbon bil-linka u hemm anke thazziza bil-linka fuq il-firma "Joe", l-attur wera l-originali tal-carbon copies u spjega li t-thazziza fuq il-kopja bil-pinna kienet saret minn ibnu ta' ghaxar (10) snin. L-espert legali osservat li m'hemm ebda thazziza fuq id-dokument ipprezentat mill-konvenut izda biss fuq dik ipprezentata mill-attur u ghalhekk jidher li l-ispjegazzjoni ta' l-attur hija veritjiera. Dwar il-fatt li l-kliem "Galea Marsa" regghu inkitbu bil-linka fuq il-carbon, dan ma jipprovax l-allegazzjoni tal-konvenut, peress li l-kliem kienu jidhru cari bhala carbon copy. Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-espert legali li l-allegazzjoni tal-konvenuti hija nfondata u li l-invoices in kwistjoni ma thallsux;

Illi l-ammont indikat fl-invoices ikkontestati u li ghandhom jithallsu mill-konvenuti jammontaw ghal Lm1617.82,6. Dan l-ammont ghandu jinghadd ma' l-Lm4090.68 (invoices mhux ikkontestati wara deduzzjoni tal-pagamenti li saru mill-konvenut) li allura jgib il-figura ta' Lm5708.50,7. L-espert legali spjegat li l-atturi kienu irriducew l-ammont minnhom pretiz bi Lm255.99 ghal zbalji ta' kalkolu fuq invoices li ma kinux jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jigu kkundannati jhallsu somma akbar minn Lm5452.52, li hu l-ammont li ghalih l-atturi irriducew it-talba taghhom.

Spejjez:-

Illi dwar l-ispejjez, l-espert legali rrakkomandat li l-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) l-atturi u ghoxrin fil-mija (20%) ghall-konvenuti u dan in vista tal-fatt li *"parti sostanzjali mill-ammont originarjament pretiz mill-attur kien diga` thallas qabel ma giet intavolata l-kawza"*. Fin-nota ta' kritika taghhom l-atturi rrilevaw li effettivament il-konvenuti kienu hallsu biss hamsa u tletin fil-mija (35%) mis-somma originali u ghalhekk ghandhom jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghal hamsa u sittin fil-mija (65%) ta' l-ispejjez gudizzjarji, cioe` dik il-parti li ghadhom sa llum ma hallsux; veru li l-atturi ma humiex wisq precizi fil-figuri ghall-ammonti pretizi, pero` it-talba dehret gustifikata ghal parti kbira tal-pretenzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

In vista tal-procediment tal-kawza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba;

Tilqa' t-Tieni Talba kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef, erba' mija u tnejn u hamsin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm5452.52).

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenuti, li ghandhom ukoll ihallsu l-imghax skond il-ligi.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur